# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Nicholas Vella)**

**vs**

**Silvio Borg**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta` **Silvio Borg**, karta tal-identita bin-numru 425475M fejn ġie mixli talli f'dawn il-Gżejjer fil-Mosta, nhar it-18 ta' Mejju 2015 għall-ħabta tat-20:00

1. Mingħajr ħsieb li jotol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Dorielle Brincat f'perikolu ċar, ħebb għall-istess Dorielle Brincat u kkaġunalha offiża ta' natura gravi liema Dorielle Brincat tiġi oħt il-imputat;
2. Talli ikkaġuna biża li kienet ser tintuża vjolenza kontra ta' Dorielle brincat mill-Mosta u dan meta kien jaf jew messu kien jaf li b'tali imġieba kien ser jikkaġuna lil ħaddieħor biża;

3. li biex tipprovdi għas-sigurta' ta' Dorielle Buttigieg billi toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-imputat.

Rat l-atti u d-dokumenti eżebiti;

Rat li matul is-seduta tat-12 t'Ottubru 2015 l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma bil-ġurament tiegħu l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tal-imputat filwaqt li matul il-kors tal-eżami tal-imputat, l-istess imputat wieġeb li ma kienx ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u li ma kellux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja;

Ra' l-kunsens tal-Avukat Ġenerali a fol 4 tal-proċess fejn iddikjara li kien qiegħed jikkonsentixxi li l-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja;

Semgħet lil Dorielle Brincat tiddikjara li hija kienet tiġi oħt l-imputat u li kienu jgħixu viċin ta' xulxin u wliedhom kellhom rabta qawwija ma xulxin. Dorielle Brincat talbet lil Qorti sabiex twaqqaf dan il-każ kontra ta' ħuha. Hija tenniet li hija kienet qegħda tirrinunzja għall-kwerela magħmula u talbet biex il-proċediment penali jitwaqqaf f'dan l-istadju għax ma kienetx aktar interessata bit-tkomplija tal-azzjoni penali.

Inoltre, fid-dawl tal-fatt li hija tiġi oħt l-imputat hija talbet ukoll sabiex il-Qorti teżentaha milli tixhed f'dawn il-proċeduri fid-dawl tal-qrubija bejnha u l-imputat.

Il-Qorti rat li dan il-każ kien wieħed li jissubentra fil-parametri tat-tifsira ta' vjolenza domestika ai termini tal-Artikolu 2 tal-Kapitolu 481 tal-Liġijiet ta' Malta u b'hekk setgħa kien hemm ukoll lok li jiġi applikat il-proviso tal-Artikolu 543(e) tal-Kodiċi Kriminali fir-rigward tal-imputazzjonijiet.

Inoltre rat ukoll li dan il-każ il-partijiet qablu li huma aħwa.

Il-Qorti rat li f'dan il-każ il-proċeduri inbdew *ex officio* mill-Pulizija Ezekuttiva in kwantu ġew kommessi bi vjolenza domestika kif imfissra fl-Artikolu 2 tal-Kapitolu 481 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan ifisser għalhekk li l-proċeduri f'dan il-każ tmexxew indipendentement mill-kwerela tal-privat u indipendentement mill-azzjoni privata. Għalhekk anke jekk il-privat jirtira l-kwerela, ladarba l-proċediment inbeda ex officio, il-prosekuzzjoni tal-azzjoni penali titkompla quddiem il-Qorti għaliex f'dak il-każ l-azzjoni ma tiġix ritenuta estinta bl-irtirar tal-kwerela.

**<u>Iżda</u>** bl-emendi introdotti fl-2005, ġara li f'dawn il-każijiet ġew rezi applikabbli wkoll id-disposizzjonijiet tat-tieni proviso tal-Artikolu 543(e) tal-Kodiċi Kriminali. Dan ifisser li għalkemm il-proċediment ikun immexxi ex officio, l-istess proċediment jista' jiġi mwaqqaf fuq talba tal-vitma. Għalhekk il-kontinwazzjoni tal-azzjoni kriminali mibdija ex officio, (li allura tkun altrimenti obbligata li tibqa għaddejja sas-sentenza) issa tista' tiġi mwaqfa wara deċizjoni tal-vitma f'dan is-sens.

Il-Qorti hija akkordata d-diskrezzjoni li tmur kontra din id-deċizjoni tal-vitma u tista' tordna **<u>l-kontinwazzjoni</u>** tal-proċeduri kontra l-allegat awtur.

Il-Qorti aċċertat mal-vitma Dorielle Brincat li hija fehmet sewwa sew il-konsegwenzi li jitnisslu minn din id-deċiżjoni tagħha mhux biss li titlob li tiġi eżentata milli tixhed kontra ħuha talli riedet li l-proċeduri kontra ħuha jieqfu f'dan l-istadju. Il-Qorti semgħet lill-istess Dorielle Brincat tiddikjara kategorikament seduta stante li kienet ħasbitha sew u li hekk kienet iddeċidiet u ċjoe li lil ħuha taħfirlu u li dan kienet qegħda tagħmlu minn jeddha għaliex ma riedetx li din il-kawża kontra ħuha tkompli għaddejja.

Il-Qorti semgħet ukoll lil Silvio Borg jiddikjara fil-Qorti bil-miftuh li huwa kien qiegħed jitlob skuża lil oħtu dwar l-inċident meritu ta' din il-kawża. Huwa inoltre obliga ruħu li bl-ebda mod ma kien sejjer jivvessa jew b'xi mod ieħor direttament jew indirettament jimmolestja lill-oħtu Dorielle Brincat.

Il-Qorti semgħet ukoll lill-Avukati tal-partijiet f'dan il-każ jiddikjaraw li minħabba l-qrubija bejn il-partijiet u minħabba l-fatt li dawn jgħixu verament viċin ta' xulxin u wliedhom għandhom rabta kbira bejniethom kien ikun kontra l-interess tal-parte civile u l-familja tagħha li din il-kawża titkompla.

Il-Qorti semgħet ukoll lill-Uffiċjal Prosekutur jistqarr li fid-dawl tad-dikjarazzjonijiet reġistrati mill-parte civile, minbarra l-istqarrija tal-imputat ma kellux provi oħra x'jipproduċi f'dan il-każ u ddikjara l-provi magħluqa.

Id-difiża ddikjarat li ma kellhiex provi x'tipproduċi.

DEĊIDE

Illi kwantu għat-tieni imputazzjoni jirriżulta li din mhix legalment sostenibbli in kwantu minn imkien fl-akkuża ma rriżulta li ġie imputat xi "course of conduct" mifrux fuq xi perjodu ta' żmien, qasir kemm setgħa kien qasir. Għalhekk jirriżulta li din it-tieni imputazzjoni kienet legalment insostenibbli u l-imputat qiegħed jiġi liberat minn kull ħtija u piena dwarha.

Illi kwantu għall-ewwel imputazzjoni, il-Qorti qegħda tqis li, tenut kont tad-dikjarazzjonijiet tal-parte civile, kif ukoll tal-avukati tal-partijiet f'dan il-każ, jirriżulta ċar li l-maħfra tal-parte civile kienet waħda ġenwina, ċara u rrevokabbli u li jekk il-Qorti tordna t-tkomplija ta' dawn il-proċeduri hija kienet tista' tippreġudika l-interessi tal-partijiet f'dan il-każ b'mod irrimedjabbli. Inoltre, kemm in-natura tal-każ kif ukoll iċ-ċirkostanzi li fihom seħħ ma kienx wieħed tali li joħloq ostaklu

insormontabbli għal din il-Qorti milli tordna t-twaqqif tal-azzjoni penali f'dan il-każ. Apparti minn hekk jirriżulta li l-imputat għandu fedina penali kważi netta.

Għaldaqstant tqis li mhux fl-interess tal-Ġustizzja f'dan il-każ li tordna t-tkomplija ta' din l-azzjoni penali u tiddikjara li dan il-proċediment fuq l-ewwel imputazzjoni għandu, fuq it-talba tal-parte civile imsejjes fuq it-tieni proviso tal-Artikolu 543(e) tal-Kodiċi Kriminali, jieqaf f'dan l-istadju.

**Mogħtija illum it-12 t'Ottubru 2015 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.**

***Aaron M. Bugeja***